

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq nuqqas li jingħata bidu għal proċedura ta' investigazzjoni formali, mill-Kummissjoni Ewropea, minkejha diffikultajiet serji u fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti mill-istess Kummissjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2021 – Miquel y Costas & Miquel vs EUIPO (Pure Hemp)

(Kawża T-17/21)

(2021/C 72/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Miquel y Costas & Miquel, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Mora Cortés, abogado)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuża: aplikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Pure Hemp – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 18 132 358

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Ottubru 2020 fil-Każ R 853/2020-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġibha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-Appell R 853/2020-1 u tiċħad parzjalment it-Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 18 132 358 Pure Hemp (Figurattiva).
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklu żi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet u quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) frelazzjoni mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament 2017/1001.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2021 – Amazon.com et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-19/21)

(2021/C 72/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Amazon.com, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti), Amazon Services Europe Sàrl (Lussemburgo, il-Lussemburgu), Amazon EU Sàrl (il-Lussemburgu), Amazon Europe Core Sàrl (il-Lussemburgu) (rappreżentanti: A. Komninos u G. Tantulli, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 7692 final tal-10 ta' Novembru 2020 għal dik il-parti li teskludi lill-Italja mill-ambitu tal-investigazzjoni u mill-konsegwenzi legali tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament 1/2003;
- tordna lill-Kummissjoni tbat l-ispejjeż tar-riktorrenti marbuta ma' dawn il-proċeduri.

Motiv u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv uniku li abbażi tiegħu d-deċiżjoni kkontestata neħħiet illegalment lill-Italja mill-ambitu tal-Każ AT.40703 u eskludiet lill-Italja mill-konsegwenzi legali tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament 1/2003. B'dan il-mod, id-deċiżjoni kkontestata kisret l-Artikolu 11(6) tar-Regolament 1/2003 u ppreġudikat l-effettività tiegħu u/jew injorat l-Artikolu 11(6) tar-Regolament 1/2003 u nnegat l-iskop tal-eżistenza tiegħu.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2021 – Corman vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-25/21)

(2021/C 72/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Marie Corman (Schaerbeek, il-Belġju) (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 2020 li tistabbilixxi d-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar tar-riktorrenti,
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku, ibbażat fuq ksur, mid-deċiżjoni kkontestata, tal-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
